# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. PRIM IMHALLEF DR MARK CHETCUTI – PRESIDENT LL.D.

ONOR. IMHALLEF DR JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

ONOR. IMHALLEF DR GIOVANNI M. GRIXTI LL.D

Appell Numru:17/2021/1

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Yorgen Fenech**

Seduta tal-4 t'Ottubru, 2023

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Yorgen Fenech quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-Att ta' Akkuza li jgib in-numru 17/2021 bis-segwenti kapi:

**L-Ewwel Kap**: talli nhar is-16 t'Ottubru tas-sena 2017 u fix-xhur ta' qabel' f'dawn il-gzejjer rrenda ruhu komplici ma' terzi fid-delitt ta' omicidju volontarju, u cioe' li dolozament bil-hsieb li joqtlu persuna (Daphne Caruana Galizia) jew li jqieghdu l-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunawlha il-mewt. Dan billi ta ordni lil haddiehor biex jaghmel dan id-delitt jew gieghel li dan id-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew

eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella ta istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt, jew xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta' ta' haddiehor sabiex jaghmel dan id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu, jew jikkompensah, liema delitt ta' omicidju volonotarju sehh nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs).

**It-Tieni Kap:** talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Rat l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-akkuzat*;*

Rat l-eccezzjonijiet sollevati mill-Avukat Generali;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Dicembru, 2022 li biha ddisponiet mill-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-akkuzat u mill-Avukat Generali bil-mod segwenti:

1. **Tichad l-eccezzjonijet sollevati mill-akkuzat bin-numri 1 sa 12, 14 sa 19, 21 sa 28, 30 sa 36, u dan prevja id-direzzjonijiet moghtija mill-Qorti f'din is-sentenza u li ghandhom ikunu osservati waqt ic-celebrazzjoni tal-guri.**
2. **Tichad l-eccezzjoni numru 29, b'rizerva ghal dak ordnat mill-Qorti sabiex l-atti jkunu rinvjati lil Qorti Istruttorja ghas-smigh ta-xhieda indikati f'din l-eccezzjoni kif deciz fl-istess.**

**3. Tilqa' l-eccezzjoni bin-numru 13 u ghalhekk tordna l-isfilz tad-Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 mill-atti kumpilatorji, b'dan illi dawn id-dokumenti ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati matul ic-celebrazzjoni tal-guri, u ebda xhud ma ghandu jaghmel referenza ghall-istess dikjarazzjonijiet.**

**4. Tilqa' l-eccezzjoni numru 20, b'dan illi x-xhud loulia Thoma ghandha tixhed biss fuq il-fatti lilha maghrufa u ma tista' tesprimi ebda dehma jew opinjoni.**

**5. Tilqa l-eccezzjonijiet ta'l-Avukat Generali fejn huwa oggezzjona ghal-produzzjoni tas-segwenti xhieda indikati bin-numri 14, 15, 16, 20, 27, 28, 29, 48, u 106 fil-Lista tax-xhieda tal-akkuzat.**

**6. Tilqa' l-eccezzjonijiet ta'l-Avukat Generali fejn huwa oggezzjona ghall-produzzjoni ta' dokumenti li ma humiex annessi mal-Lista tad-Dokumenti ta'l-akkuzat, b'rizerva madanakollu illi jekk il-Qorti thoss il-htiega li zzomm dokument taht ghajnejha u li l-htiega tieghu tinqala' matul il-kors tac-celebrazzjoni tal-guri, tawtorizza l-produzzjoni ta'l-istess.**

**7. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet imqajma mill-Avukat Generali.**

**B'dan madanakollu illi fi stadju opportun il-Qorti ser tindirizza lil gurati u twissiehom fuq il-valur probatorju tal-evidenza u l-piz li ghandha tinghata lill-istess fid-deliberazzjoni finali qabel ma jasslu ghal verdett taghhom. Illi l-Qorti ghalhekk tidderigi lill-partijiet jikkonformaw rwiehom ma' din is-sentenza fil-produzzjoni tal-evidenza, b'dan illi fl-ebda mument atul**

**ic-celebrazzjoni tal-guri ma ghandha issir referenza ghal antecedenti penali tal-akkuzat hlief jekk jikkonkorru c-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 459A u 489 tal-Kodici Kriminali.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzat Yorgen Fenech ipprezentati fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2022 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqghetx l-eccezzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, 4, 5 u tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet jew, alternattivament tordna l-Qorti Kriminali tirrimanda l-atti lura lill-Qorti Istruttorja sabiex jitressqu l-provi mitluba u mehtiega ghad-difiza tal-esponent;

Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqghetx l-eccezzjonijiet bin-numru 8, 9, 10, 11, 12, 22, 23, 24, 25 u 26 minflok tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet minnu sollevati;

Tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqat l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali rigward ix-xhieda indikati bin-numri 15, 20, 27, 48, fil-Lista tax-Xhieda tal-esponent;

Tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqat l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali rigward ix-xhieda indikati bin-numru 28 u 29 fuq il-Lista tax-Xhieda tal-esponent jew alternattivament tordna li fl-eventwalita li l-inkjesti mertu tax-xiehda tax-xhud relattiv jinghalqu, ir-Registratur tal-Qrati Kriminali ghandu jigi ammess bhala xhud.

Tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqat l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali rigward l-atti tat-tlett inkjesti elenkati mill-akkuzat fil-paragrafu 23 tal-Lista tad-Dokumenti jew alternattivament tordna li l-Avukat Generali ghandu jinforma l-Qorti meta jinghalqu l-imsemmija inkjesti sabiex l-esponent ikun f'posizzjoni jitlob il-Qorti Kriminali jannetti l-imsemmija inkjesta mal-Lista tad-Dokumenti tieghu.

Tvarjha f'dik il-parti fejn pprovdiet ghall-eccezzjoni bin-numru 29 billi filwaqt li tikkonfermha fejn ordnat li l-atti jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-termini tal-Artikolu 436(3)© u 406 tal-Kodici Kriminali tordna li l-atti ghandhom jigu rinvjati ukoll sabiex tinstema ukoll ix-xiehda ta' Martin Van Der Meij;

Tvarjha f'dik il-parti fejn provvdiet ghall-eccezzjoni bin-numru 30 billi tordna li f'kaz li x-xhieda ma jixhdux jew ma jkunx jista jsirilhom il-kontro-ezami mid-difiza l-Qorti Kriminali ghanda tidderiegi l-gurati sabiex jiskartaw ix-xhieda migbura fl-*in genere*;

Tikkonfermaha fil-bqija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti ukoll fid-19 ta' Dicembru, 2022 li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

(a) **Thassarha u tirrevokaha** f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni bin-numru 13 ta' l-appellat u ordnat l-isfilz tad-Dokumenti KA28, KA31, KA33 U KA34 mill-atti kumpilatorji, u rritjeniet illi dawn id-dokumenti ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati matul ic-celebrazzjoni tal-guri, u ebda xhud ma ghandu jaghmel referenza ghall-istess dikjarazzjonijiet; u

(b) **Tikkonfermaha** fil-bqija.

Semghet lill-abbli difensuri tal-akkuzat u lill-abbli avukat mill-ufficcju tal-Avukat Generali fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2023 fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**PRELIMINARI:**

Din hija sentenza wara appell sia tal-akkuzat kif ukoll tal-Avukat Generali mis-sentenza tal-Qorti Kriminali dwar l-eccezzjonijiet preliminari wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza hawn indikata. Minn qari taz-zewg appell jidher li jkun opportun li din il-Qorti tiddisponi l-ewwel mill-appell tal-akkuzat;

Illi ghandu jkun osservat illi filwaqt illi l-appellant Yorgen Fenech jippreciza illi l-appell tieghu jirrigwarda d-decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar l-eccezzjonijiet 1 sa 5, 8 sa 12, 16, 22 sa 26, 29 u 30 jiddikjara li ma hu qed jinterponi ebda appell dwar l-eccezzjonijet 6, 7,13,14,15,20,27,28,31,32,33,34,35,36. L-appellant ma jaghmel l-ebda referenza ghall-eccezzjonijiet **19**

**u 21** u lanqas ma jaghmel referenza ghalihom fit-talbiet. Ghalhekk d-decide dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet jitqies li ghadda in gudikat.

**MERTU.**

**L-ewwel aggravju:**

1. F'dan l-ewwel aggravju l-appellant jillanja dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha ddisponiet mill-ewwel hames eccezzjonijet li qed ikunu hawn riprodotti:

Eccezzjonijiet numru 1 sa 5

(1) In nullita' ta' l-istruttorja u tal-att tal-akkuza in kwantu l-eccipjent gie ostakolat mill-Avukat Generali milli jgib diversi provi krucjali ghall-kaz u ghalhekk l-istruttorja ma hijiex kompleta u lanqas tista, f'dan l-istadju, tigi kompletata; dan minkejja l-intendiment car li tali provi jinstemghu fis-seduta sussegwenti ghal dik tat-12 ta' Awissu, 2021;

(2) In-nullita' ta' l-atti ta' l-akkuza minhabba r-rifjut tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti struttorja li tippermetti lill-eccipjent jaghmel, tramite d-difensuri tieghu, il-kontro-ezamiijiet ta' Keith Schembri, Shianne Zammit u Kenneth Camilleri;

(3) In-nullita ta' l-att ta' akkuza mihabba li l-eccipjent ma giex permess lilu mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti struttorja jesebixxi s-segwenti provi:

i. Il-prime note fl-intier taghhom ta' l-Ispettur Kurt Zahra preparati waqt l-investigazzjoni u li ghalihom saret referenza fix-xiehda tieghu;

ii. Il-Kap tas-servizzi tas-Sigurta' ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-intercettazzjonijiet zvelati lill-Pulizija Ezekuttiva bil-ghan li jsiru l-procedimenti kriminali odjerni;

iii. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta recording maghmul bejn Dr. Arthur Azzopardi u Melvin Theuma f'Awissu tas-sena 2018 f'Sa Maison Malta; u

iv. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-intercettazzjonijiet telefonici zvelati lill-Pulizija Ezekuttiva bil-ghan li jsiru l-procedimenti kriminali odjerni, bejn Edwin Brincat u Melvin Theuma; u

v. Il-Kap tas-Servizzi u Sigurta` ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-ntercettazzjoni telefonika li saret nhar il-14 ta' Gunju 2020 bejn l-ex Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u Edwin Brincat il-Gojja;

(4) Il-kawza fl-ismijiet premessa ma tistax tghaddi l' quddiem fuq l-att tal-akkuza minhabba r-rifjut tal-Qorti Istruttorja li tippermetti lill-eccipjent jaghmel, tramite d-difensuri tieghu, il-kontro-ezamijiet ta' Keith Schembri, Shianne Zammit, u Kenneth Camilleri;

(5) Il-Kawza fl-ismijiet premessi ma tistax tghaddi l' quddiem minhabba li l-eccipjent ma giex permess lilu mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti struttorja jesebixxi s-segwenti provi:

i. Il-prime note fl-intier taghhom ta' l-Ispettur Kurt Zahra preparati waqt l-investigazzjoni u li ghalihom saret referenza fix-xiehda tieghu;

ii. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-intercettazzjonijiet zvelati lill-Pulizija Ezekuttiva bil-ghan li jsiru l-procedimenti kriminali odjerni;

iii. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta recording maghmul bejn Dr. Arthur Azzopardi u Melvin Theuma f'Awissu tas-sena 2018 f'Sa Maison Malta; u

iv. Il-Kap tas-Servizzi u sigurta ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-intercettazzjonijiet telefonici zvelati lill-Pulizija Ezekuttiva bil-ghan li jsiru l-procedimenti odjerni, bejn Edwin Brincat u Melvin Theuma; u

v. Il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` ta' Malta sabiex jixhed dwar u jipprezenta l-ntercettazzjoni tlefonika li saret nhar il-14 ta' Gunju 2020 bejn l-x Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar u Edwin Brincat il-Gojja;

2. L-appellant jillanja illi b'dawn l-allegati nuqqasijiet u c-cahda tal-Qorti Istruttorja li jithalla iressaq dawn il-provi huwa ta' pregudizzju ghalih ghaliex l-Avukat Generali ghandu ghad-disposizzjoni tieghu dawn il-provi. B'hekk il-kumpilazzjoni mhix kompluta u konsegwentement sia l-istruttorja kif ukoll l-att ta' akkuza huma nulli. Jishaq l-appellant illi huwa kien ressaq dawn l-eccezzjonijiet fit-termini tal-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali u tal-principju ta' l-*equality of arms* u li kien

l-Avukat Generali li mmanuvra "sabiex jostor provi li jistghu jkunu krucjali ghad-difiza tal-esponent". Izid jilmenta l-appellant illi l-Qorti Kriminali kellha tezamina id-decizjonijiet tal-Qorti Istruttorja [li bihom kienu michud talbiet ghal-produzzjoni ta' xhieda] u mhux tezaminhom b'mod spezzettat;

3. Illi minn dak li tista' tifhem il-Qorti dwar dan l-aggravju, l-appellant hu tal-fehma illi mehuda flimkien ("*b'mod holistiku*") id-drabi kollha li fihom kienet "michuda" talba ghat-tressiq ta' provi fl-istruttorja u l-ezami ta' kull incident mill-Qorti Kriminali b'mod separat, ghandha tohrog stampa ta' xi forma ta' pregudizzjali sistematika kontra tieghu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ghaliex il-kompitu tal-ewwel Qorti kien li tezamina kull allegat incident ta' cahda u jekk imqar wiehed minnhom jirrizulta kif allegat, jigifieri li tkun michuda talba minghajr ma tkun sostenuta mil-ligi, kif jiddisponi l-artikolu 597(4) Kapitolu 9, allura tghaddi biex tara x'ikun ir-rimedju ghal dak in nuqqas fejn, f'dan il-kaz, l-appellant hu tal-fehma li ghandha tkun dikjarata nulla il-kumpilazzjoni u dikjarat null l-att ta' akkuza;

4. Issa, kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar in-nullita' tal-att ta' akkuza huwa proprju l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment hekk:

> **597 (4) L-att tal-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minhabba xi wiehed minn dawk id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tal-qari tal-akkuzi jew tal-ezami tal-imputat jew tad-decizjoni li**

**tiddikjara li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, minghajr raguni tajba, li tisma' l-provi migjubin mill-imputat; bla hsara dejjem tal-jedd tal-akkuzat u tal-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skont il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova.**

5. Isegwi ghalhekk illi fejn tinghata l-eccezzjoni ta' nullita' tal-att ta' akkuza l-Qorti trid tara jekk l-allegazzjoni tirraffigurax jew le f' wahda jew aktar mic-cirkostanzi ezawrenti msemmija f'dan l-artikolu u jekk fil-fatt sehhewx wahda jew aktar minn dawk l-allegati cirkostanzi. L-akkuzat appellant jallega, in parti, wahda mill-ipotezi msemmija fl-artikolu 597(4), jigifieri, li kien rifjutat lilu it-tressieq ta' provi mill-Qorti Istruttorja u dan minghajr raguni tajba, anke jekk ma indikax dan l-artikolu fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. F'parti ohra jallega ostakolu mill-Avukat Generali sabiex iressaq dawn l-istess provi, izda, din l-ahhar parti ma tistax tkun konsiderata stante li taqa' 'l hinn mill-portata tal-artikolu 597(4);

6. Illi kwantu din l-ahhar osservazzjoni il-Qorti Kriminali, ghad li setghet tiddisponi minnha billi tistrieh biss fuq dak ravvizat fl-artikolu 597(4) ghaddiet sabiex tispjega il-funzjoni u l-poteri tal-Avukat Generali f'dak li ghandu jaqsam mal-istruttorja u l-hrug tal-att ta' akkuza sabiex b'hekk l-akkuzat appellant kellu jkun mohhu mistrieh li ma kien hemm xejn x'josta lill-Avukat Generali li johrog l-att ta' akkuza u li jekk bil-hrug tieghu l-akkuzat, almenu f'dak l-istadju, ma setax iressaq il-provi tieghu ma kienx ifisser li tkun sehhet xi manuvra illegali u li d-drittijiet tieghu xorta wahda ma kinux mittiefsa. Dawk il-konsiderazzjonijiet huma ineccepibbli u din il-Qorti ma tara

ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tissostanzja ulterjorment il-hsieb tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

7. Issa, kwantu l-allegazzjoni ta' cahda ghat-tressieq ta' provi minghajr raguni tajba, l-Qorti Kriminali ezaminat b'mod minuzjuz kull cirkostanza ta' allegat rifjut msemmija mill-akkuzat u f'kull kaz irrizulta li **<u>qatt</u>** ma kien hemm tali rifjut mill-Qorti Istruttorja. Huwa minnu, kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, li l-akkuzat allura imputat kien ghamel diversi talbiet sabiex isir il-kontro-ezami tax-xhieda minnu indikati u sabiex iressaq provi izda l-Qorti Istruttorja qatt ma cahdet dawk it-talbiet:

> "Issa minn ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi huwa minnu li l-akkuzat ressaq diversi talbiet f'iktar minn okkazzjoni wahda sabiex jinstemghu numru ta' xhieda u/jew li jsiru l-kontro-ezamijiet ta' xi xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni. Dak li ma jirrizultax, madanakollu, huwa illi dawn it-talbiet gew michuda minghajr ebda raguni valida. Fir-rigward tal-kontro-ezami tax-xhud Keith Schembri, il-Qorti Istruttorja ma cahditx lill-akkuzat, allura imputat, milli jaghmel il-kontro-ezami. Dan ghaliex id-deposizzjoni tax-xhud in ezami kienet sospiza mill-Prosekuzzjoni billi kienu ghadhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet mill-pulizija dwar il-fatti li riedu jigu stabbiliti bix-xhieda tieghu, u li fi kwalunkwe kaz, f'dak l-istadju, ix-xhud kellu d-dritt li ma jwegibx biex ma jinkriminax ruhu. Dan ifisser illi dak allegat mill-akkuzat ma jsibx konfort fl-atti u allura hemm dik ir-raguni valida li trid il-ligi li wasslet lil Qorti Istruttorja tissospendi l-ezami tax-xhud u tidderigi lid-difiza taghmel il-kontro-ezami wara li tkun intemmet id-deposizzjoni tax-

xhud in ezami, kif del resto stabbilit fil-ligi (art 393 Kodici Kriminali – L-imputat jista' jaghmel kontro-ezami lix-xhud u l-mistoqsijiet tieghu, flimkien mat-twegiba, ghandhom jitnizzlu **wara l-ezami**."

8. Illi din hija osservazzjoni tal-Qorti Kriminali dwar wahda mill-allegati okkazzjonijet fejn il-Qorti Istruttorja cahdet it-talba ghas-smiegh ta' xhieda jew produzzjoni ta' evidenza li biha uriet li ma kienx il-kaz li t-talba kienet michuda minghajr raguni valida. Il-Qorti Kriminali, kif gia inghad, xtarret kull allegata cahda u kkonkludiet illi "**minn dawn ir-rizultanzi processwali allura ma jidhirx li avverat ruhha xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali haw fuq iccitat. Illi fuq kollox mhuwiex minnu dak lamentat mill-akkuzat illi l-Qorti Istruttorja kienet qed tirrifjuta tippermettilu iressaq xi proviu/jew jaghmel xi kontro ezamijiet, tali li jista' iwassal ghan-nullita' ta'l-Att ta'l Akkuza**". Din il-Qorti ghamlet l-istess ezami u tasal ghall-istess konkluzzjonijiet. Din hija kwistjoni ta' fatti li ma thalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni. Ghahekk ma hemm l-ebda htiega ta' xi konsiderazzjoni ohra ghajr illi dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-tieni aggravju**

9. F'dan l-aggravju, l-appellant jillanja dik il-parti tas-sentenza appellata li biha cahdet l-eccezzjoni preliminari numru 8 fejn fis-sustanza jallega in-nullita' tat-tieni kap tal-att tal-akkuza bil-premessa illi r-reat hemm ravvizat ma jsibx sostenn fil-fatti kif esposti;

Eccezzjoni Numru 8:

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, in-nullita' tat-tieni kap tal-akkuza in kwantu l-fatt migjub fil-parti narrativa tieghu ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap tal-akkuza.

10. Fit-tieni kap tal-att tal-akkuza l-akkuzat huwa mixli bir-reat ta' kongura ossia dak tal-assocjazzjoni kriminuza kif ravvizat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali. Wara illi fl-aggravju minnu ntentat tracca l-origini ta' dan ir-reat u l-introduzzjoni tieghu fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant jillanja li l-parti narrattiva tal-att tal-akkuza ma ssemmix fatt li ghandu bhala konsegwenza jirrizulta f'mankanza ta' wiehed mill-elementi tar-reat in disamina. L-appellant jallega testwalment: "*Illi l-esponent jikkontesta l-validita' tat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza in kwantu l-ftehim dwar il-mod kif kienet ser tinqatel Daphne Caruana Galizia huwa nieqes kompletament min-narrativa tal-kap*".

11. L-appellant fisser l-elementi ta' dan ir-reat skond il-fehma tieghu, silet paraguni ma' l-artikolu 120A(1A) tal-Kapitolu 31 u l-artikolu 11(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li minnu tnissel ir-reat in disamina u bhal l-ewwel Qorti ghamel referenza ghal siltiet mid-diskors tal-ministru li ppilota l-emendi relevant ghall-introduzzjoni tieghu fil-kodici kriminali. Wara li din il-Qorti ezaminat sia l-aggravju kif ukoll is-sentenza tal-ewwel Qorti li cahdet l-eccezzjoni in kwistjoni, ikollha tistqarr li l-eccezzjoni mhix wahda sostenibbli. Dan

ghaliex sia l-artikolu 589 li jitkellem dwar it-tfassil tal-Att tal-Akkuza kif ukoll it-thaddim tieghu fil-prattika huma cari u mkien ma jaghtu lill-akkuzat id-dritt li jikseb decizzjoni fuq il-fatti fl-istadju tal-eccezzjonijiet precedenti c-celebrazzjoni tal-guri ghaliex dik id-decizzjoni hija mhollija unikament lill-gurati;

12. L-artikolu 589 subinciz (c) jiddisponi hekk:

> **589. L-att tal-akkuzat jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u ghandu:**
>
> **..../.....**
>
> **(c) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lik li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena.**

13. Dan l-artikolu jirreferi ghall-parti hekk imsejha narrattiva tal-att tal-akkuza fejn l-Avukat Generali jiddeskrivi dawk il-partikolaritajiet deskrittivi, ossia il-fatti, mhux kif jidhirlu, **izda**¸ kif jemergu mill-atti kumpilatorji. Naturalment il-parti narrattiva ma tistax, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, tkun sommarju tal-fatti kollha hekk emergenti basta, pero' li tkun konformi tas-subinciz appena riprodott. Dan l-artikolu, izda, ma jistax fl-istess waqt jitqies li huwa indipendenti, jew kif jinghad bl-ilsien Ingliz, *a stand alone*, ghaliex jehtieg li jkun mhaddem flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-ligi fosthom dik il-parti tal-Kodici Kriminali li tobbliga lill-imhallef togat li

jfisser lill-gurati illi l-parti narrattiva jew espositttiva tal-att tal-akkuza ma tammontax ghall-prova u li l-prova trid issir mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-guri minn dak kollu li jingieb quddiemhom;

14. L-appellant hu tal-fehma li ghaliex, skond hu, l-parti narrattiva tal-att tal-akkuza hija karenti, ossia ma jispecifikax il-ftehim dwar il-mod kif kellu jsir r-reat li bih huwa akkuzat liema element huwa wiehed minn dawk mehtiega sabiex jirrizulta r-reat ta' kongura jew ahjar, assocjazzjoni, allura l-att tal-akkuza f'dak il-kap huwa null. Jibda biex jinghad illi dan l-istadju tal-proceduri m'huwiex mahsub sabiex isir il-gudizzju dwar il-fatti ghaliex dak, kif gia inghad, huwa rizervat ghall-gurati. Dak li irid ikun deciz f'dan l-istadju partikolari tal-process penali hu, la darba saret din l-eccezzjoni, li l-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja (ex subinciz (d) tal-artikolu 589) jkunu riflessi fi jew rizultat tal-atti kumpilatorji u li l-parti espositttiva ikun fiha bizzejjed partikolaritajiet li <u>fis-sustanza</u> tiddeskrivi r-reat li bih huwa mixli l-akkuzat;

15. Illi, fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta versus Laurence Gatt *omissis***, (App. Krim 22 ta' Mejju, 2003) il-Qorti ghamlet esposizzjoni cara hafna dwar l-att ta' akkuza kif regolata bid-diversi dispozizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali u li ghaliha qed taghmel referenza din il-Qorti. Kien hemm osservat illi "*Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradixxu lil xulxin*". Tant hu hekk illi is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta versus Nikola sive Nicholas Cutajar** (App Krim 31 ta' Lulju, 1996) il-Qorti kienet laqghet aggravju dwar eccezzjoni ta'

nullita' ta' kap f'att ta' akkuza ghaliex il-parti espozitorja taghha ma kinitx tirrifletti r-reat addebitat f'dik l-akkuza. Hekk stabilit, meta wiehed ihares lejn it-tieni kap tal-atti tal-akkuza, l-Avukat Generali, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fatti, zmien, lok u cirkostanzi kif esposti fl-ewwel kap, fissret kif l-akkuzat iltaqa' ma' Melvin Theuma u tat dettalji ohra li allegatament wasslu sabiex l-akkuzat, qabel, ftiehem u accetta sabiex isir il-qtil "miftiehem, ikkuntratt u mhallas";

16. Illi l-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali formanti t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza jiddisponi li "*kull min f'Malta jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, ikun hati tar-reat ta' assocjazzjoni biex jaghmel dak ir-reat*". Issa, minn ezami akkurat tat-tieni kap tal-att ta' akkuza l-esposizzjoni tal-fatti fil-parti narrattiva tidher li tissodisfa dak rikjest mil-ligi, jigifieri li fiha hemm l-elementi kostituttivi tar-reat kif riflessi mill-atti kumpilatorji u li konsegwentement m'huwiex mehtieg, kif donnu qed jesigi l-akkuzat, li jkun specifikat bi precizzjoni "*il-ftehim dwar il-mod kif kienet ser tinqatel Daphne Caruana Galizia*". Jekk dawn il-fatti jirrizultawx pruvati jew jekk humhiex sufficjenti jew le jibqa' rimess esklussivament f'idejn il-gurati bhala mhallfin tal-fatti;

17. L-allegazzjoni tal-akkuzat li "*Huwa ta' thassib il-fatt li biex issalva t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-ewwel Onorabbli Qorti donna tivvinta fatti mat-tieni kap li lanqas l-Avukat Generali ma kien kapaci jidentifika*" hija wahda ingusta fil-konfront tal-ewwel Qorti u decizament censurabbli. L-ewwel Qorti kienet kawta hafna fi kliemha fil-konsiderazzjonijiet dwar

din l-eccezzjoni b'mod li turi bic-car li zammet ferm u ferm 'l boghod minn kunsiderazzjoni dwar il-fatti u ghalhekk ma tistax tikkondividi l-fehma tal-akkuzat f'dan ir-rigward;

18. Din l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

**It-tielet aggravju**

19. Dan l-aggravju huwa dwar l-eccezzjonijiet preliminari numru 9 u 10 tal-akkuzat li jaqraw hekk:

> Eccezzjoni Numru 9:
> L-inammissibilita' ta' kull domanda diretta maghmula mill-avukat tal-parte civile u tar-risposti relattivi fir-rigward ta' kull xhud mressaq mill-prosekuzzjoni in kwantu, kif gie accennat u verbalizzat diversi drabi mid-difensuri tal-eccipjent, dawn id-domandiu konsegwentement ir-risposti relattivi huma kontral-ligi u gurisprudenza;
>
> Eccezzjoni Numru 10.
> Illi, inoltre, l-inammissibilta' ta' kull prova emanenti mid-domandi u risposti msemmija fl-eccezzjoni precedenti;

20. Illi mill-atti processwali jemergi illi l-*parte civile* ppartecipat b'mod attiv fl-istadju istruttur tal-proceduri u huwa palezi illi l-istess parte civile kienet ghamlet diversi mistoqsijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Stante li l-eccezzjonijiet tal-akkuzat f'dan ir-rigward ma kinux jirreferu ghall-ezami ta' xi xhud jew xhieda partikolari, l-ewwel Qorti stiednet lill-akkuzat jindika fid-dettall liema hi dik l-evidenza minnu lamentata u llimita l-ilment tieghu ghad-

deposizzjonijiet tas-supretendent Keith Arnaud, l-Ispettur Kurt Zahra, Melvin Theuma u Vincent Muscat. Dawn iz-zewg eccezzjonjiet kienu michuda bis-segwenti konsiderazzjoni:

> **Illi jibda biex jinghad, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi l-parti offiza fil-process tal-guri quddiem din il-Qorti hija prekluza bil-ligi milli tippartecipa, hlief sabiex isiru sottomissjonijiet dwar piena, u dan fl-eventwalita' illi jkun hemm verdett ta' htija. Illi allura ghalkemm l-parti offiza ghandha dritt tkun prezenti ghal process gudizzjarju kif ukoll li tkun infurmata f'kull waqt dwar dak li jkun qieghed isehh, madankollu ma ghandha ebda *locus standi* sakemm jintlahaq il-verdett finali u ghalhekk la tista' tressaq xhieda u lanqas tista' taghmel ezami jew kontro-ezami lix-xhieda kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza. Illi jerga jigi ribadit illi x-xhieda kollha li ddeponew fl-Istruttorja ser jixhdu mill-gdid quddiem din il-Qorti. Huma biss dawk il-mistoqsijiet u twegibiet li jinghataw quddiem il-gurija li jiswew sabiex jintlahaq il-gudizju finali. Illi mhux biss, izda il-Qorti ezaminat l-estratti mill-atti kumpilatorji indikati mill-akkuzat fin-nota tieghu tal-15 ta' Dicembru 2021 u apparti li ma huwiex mistenni minnha li toqghod tfittex minn pagni shah ta' xiehda liema huma dawk il-mistoqsijiet li l-akkuzat jidhirlu li huma inammissibbli, tqies illi ebda parti mill-evidenza ndikata ma hija inammissibbli u cioe' li hemm xi disposizzjoni tal-ligi li tirrendiehom tali.**

21. Il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti hija legalment u fattwalment korretta ghajr ghal dak li din il-Qorti ser tippreciza aktar 'l quddiem. Minkejja dan, l-appellant isejjes l-aggravju tieghu fuq kumment tal-ewwel Qorti li, bid-dovut rispett, huwa minnu interpretat hazin u dan b'referenza ghal meta l-ewwel Qorti qalet: "*u cioe' li hemm xi disposizjoni tal-ligi li tirrendiehom tali*". Minkejja li l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni korretta tal-ligi dwar il-*locus standi* tal-*parte civile* fil-procediment quddiem il-Qorti Kriminali minflok ma waqfet hemm qaghdet tifli d-deposizzjonijiet in kwistjoni u ma sabet ebda mistoqsija kif lamentata mill-akkuzat. Huwa bil-wisq evidenti illi l-kumment tal-eghluq tal-ewwel Qorti ghandu jiftiehem b'mod illi ma sabet xejn li jista' jmur kontra xi disposizzjoni tal-ligi fl-estratti minnha ezaminati. Minkejja dan, l-akkuzat interpreta din il-frazi b'mod li l-ewwel Qorti ddikjarat li ma hemmx disposizzjoni tal-ligi li tirrendi x-xiehda indikata bhala nulla. Il-Qorti tqis li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti hija ineccepibbli u zzid tosserva illi l-unika cirkostanza li l-Qorti Kriminali ma qisitx kien x'jigri fl-eventwalita' li tavvera ruhha cirkostanza fejn xhud li ddepona fl-Istruttorja ma jkunx disponibbli biex jixhed quddiem il-gurati u allura jkollha tinqara d-deposizzjoni tieghu maghmula fl-Istruttorja kif jiddisponi l-artikolu 646 (1) u (2) tal-Kodici Kriminali u ghal fini ta' kontroll meta jkun allegat li xhud qed jiddeponi b'mod differenti mill-Istruttorja. F'dak il-kaz, izda, l-Qorti gia ghandha l-konfort li l-ewwel Qorti fliet dawn id-deposizzjonijiet u l-akkuzat mkien f'dan l-aggravju ma jipponta lejn mqar xi istanza partikolari fejn saret xi mistoqsija inammissibli mill-*parte civile*. Fi kwalunkwe kaz fejn tista' tinqara deposizzjoni ta' xhud, il-Qorti Kriminali tista' tezercita kontroll fuq dak mistoqsi u traskritt qabel mad-

deposizzjoni tinqara lill-gurati jekk issir talba *ah hoc*. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Ir-raba' aggravju**

22. L-akkuzat ressaq is-segwenti zewg eccezzjonijiet rigwardanti l-istqarrijiet tieghu maghmula lill-prosekuzzjoni fi stadju ta' investigazzjoni:

> 11. L-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet ta' l-eccipjent moghtija lill-Pulizija Ezekuttiva fid-29 u fit-30 ta' Novembru, 2019 in kwantu nghataw meta, minhabba nfluenza ta' droga, ma kienx f'posizzjoni li jaghmel stqarrijiet volontarji;
>
> 12. L-inammissibilita' tal-istqarrijiet ta' l-eccipjent moghtija lill-Pulizija Ezekuttiva fid-29 u fit-30 ta' Novembru, 2019 in kwantu minnu minghajr ma nghata disclosure ta' l-evidenza materjali fil-pussess ta' l -istess Pulizija Ezekuttiva;

23. L-ewwel Qorti kkunsidrat dawn l-eccezzjonijiet flimkien ma' dik numru tlettax b'dan illi l-aggravju huwa biss dwar l-eccezzjonijiet numru hdax u tnax. Kwantu **l-eccezzjoni numru hdax**, fis-sentenza taghha, l-Qorti Kriminali identifikat dawk l-istqarrijiet li l-akkuzat rrilaxxja fl-istadju tal-investigazzjoni u dawk minnu moghtija fuq talba tieghu stess wara li kien arrestat u dan in konnessjoni mat-talba tieghu ghall-mahfra Presidenzjali. L-akkuzat jallega li l-istqarrijiet minnu rilaxxjati fid-29 u fit-30 ta' Novembru, 2019 huma inammissibbli ghaliex f'dak il-waqt kien taht l-effett tad-droga. L-ewwel Qorti waslet biex tichad dawn iz-zewg eccezzjonjiet

wara li dahlet funditus fil-kwistjoni tal-istat mentali tal-akkuzat fiz-zmien meta kien inkarcerat preventivament, jigifieri fit-30 ta' Novembru, 2019 u dan billi ezaminat il-file mediku tieghu esebit fuq talba tad-difiza u jidher li ma sfugga xejn minn that il-lenti tal-Qorti Kriminali minn notamenti maghmula f'dan il-file mediku;

24. L-appellant jikkritika il-konsiderazzjonijet tal-ewwel Qorti ffukati fuq dak li jemergi mill-file mediku, mill-fatt li kien assistit mill-avukat tieghu waqt l-interrogatorju u l-komportament tieghu waqt it-tehid ta' dawn l-istqarrijiet. Fir-risposta taghha quddiem l-ewwel Qorti ghall-dawn l-eccezzjonijiet l-Avukat Generali tinsab perplessa kif din l-allegazzjoni fegget proprju issa u qatt ma ssemmiet qabel waqt l-interrogatorju filwaqt li l-akkuzat, allura suspettat, kien assisti minn tlett avukati u waqt l-Istruttorja wara l-prezentata tal-istess stqarrijiet. Din il-Qorti, izda, mhix ser tinoltra f'argumenti ta' din in-natura u ser izzomm strettament mal-aggravju tal-appellant minghajr ma tesprimi l-fehma taghha dwar l-istat mentali tal-akkuzat ghar-raguni kif ser tirrizulta aktar 'l quddiem;

25. L-appellant jallega illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi "*Ghalkemm jidher li l-akkuzat informa lit-tabib gewwa il-facilita' illi kien uza d-droga kokajina xi gimgha qabel, madanakollu l-ezamijiet medici li saru kollha taw rizultati tajbin*" u jghid li "dan huwa fattwalment zbaljat" ghaliex ir-rapprezentant tal-habs stess ikkonferma li mal-wasla tieghu gewwa l-Facilita' l-appellant kien pozittiv ghad-droga kokaina. L-appellant huwa zbaljat f'dan ir-rigward. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-ezami mediku tal-akkuzat maghmul

minn tabib li kkonkludiet “saw inmate at request of management, did verbal assessment of psychological state. Inmate appeared stable and did not exhibit and report any signs of depression, anxiety or suicidal ideation”. Ifisser dan, anke jekk il-Qorti hija riluttanti li tidhol f’dan l-argument, li minkejja l-konsum gimgha qabel l-akkuzzat kien medikament kompost u ma kellu “no medical complaints, not in pain”. Inoltre l-istess file mediku juri li ma kellu l-ebda “withdrawal symptom”;

26. Il-Qorti, izda taghzel li tieqaf hawn fuq dawn il-fatti ghaliex dak li hu sindakabbli f’eccezzjoni ta’ din in-natura huwa jekk l-istqarrijiet ittiehdux skond il-ligi jew le. Ezaminati l-atti processwali jidher li kienu osservati l-provvedimenti tas-Sub-Titolu IX tat-Titolu I, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali Dritt Ghall-Assistenza Legali u Drittijiet Ohra Waqt Detenzjoni. Minkejja li jkunu rispettati dawk ir-regoli l-akkuzat xorta wahda jifdallu d-dritt li jressaq dawk il-provi li jidhirlu xierqa sabiex jipprova mod iehor bhalma qed jittenta jaghmel b’dawn l-eccezzjonijiet. Dan ghaliex il-kwistjoni ma tibqax aktar wahda ta’ inammissibilita’ izda wahda ta’ siwi probatorju. Dan id-dritt ghadu miftuh ghalih quddiem il-gurati u jkun prematur li fatt bhal dan ikun deciz f’dan l-istadju u huwa proprju ghalhekk li din il-Qorti qed tastjeni milli tinoltra aktar minn hekk sabiex thalli dawn il-fatti ghall-gudizzju tal-Imhallfin tal-fatti f’dak li l-akkuzat jidhirlu li ghandu jimxi f’dik id-direzzjoni. (Issir referenza ghall-paragrafu 16 tas-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Keith Cremona** tal-21 ta’ Gunju, 2023 App Att t’Akkuza 16/2017 fejn il-Qorti tirreferi ghac-

cirkostanza fejn stqarrija tittiehed skond id-disposizzjonijiet tal-ligi kif vigenti f'dak iz-zmien);

27. Illi ghalhekk tqis li l-appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju kwantu l-eccezzjoni numru hdax u konsegwentement qed tichad l-istess;

28. It-tieni parti ta' dan l-aggravju jirrigwarda **<u>l-eccezzjoni numru tnax</u>** fejn l-appellant jillanja li *"Hi u tiddisponi mill-imsemmija eccezzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti naqset minn li tikkonsidra fatti u provi krucjali ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni, Illi fi ftit kliem l-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni bdan il-mod: Filwaqt li ticcita parti silettiva mis-stqarrija tal-esponent, talludi li l-avukati tieghu kkoncedew li nghataw disclosure; tghid li l-uniku disclosure li talab kienet tal-mobile phone tieghu u , tghid li l-evidenza materjali fidejn il-pulizija giet disclosed fil-kumpilazzjoni. It-tlett konkluzzjonijiet huma kollha infondati u kontradetti mill-atti";*

29. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar din l-eccezzjoni l-ewwel Qorti qalet, *inter alia*,: *"Illi jibda biex jinghad illi l-evidenza kollha materjali li l-Pulizija kellha f'idejha giet imressqa fil-kors tal-Istruttorja u allura dik l-evidenza li qed issir referenza ghaliha mill-akkuzat, u li jikkontendi ma kenitx maghrufa lilu meta kien interrogat mill-pulizija, llum tinsab konservata u kkumpilata, ghajr ghal dik l-evidenza li sal-lum ghadha ma tistax tkun pprezentata billi tifforma parti minn inkjesti dwar l-in genere li ghadhom miftuha. Illi l-akkuzat qieghed allura jinvoka l-inammissiibbilita' ta' din il-prova fuq allegazzjoni ta' ksur tal-jedd fondamentali tieghu ghal smigh xieraq u mhux kif inghad fuq xi regola eskluzjonarja ta' dritt.*

*Dan ifisser illi f'dan l-istadju hekk bikri tal-proceduri l-Qorti ma tistax twarrab ebda prova maghmula skont il-ligi minhabba lezjoni potenzjali ta' xi dritt fondamentali tal-akkuzat*". L-ewwel Qorti ssenjalat illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-avukati li kienu qed jassistu lill-akkuzat waqt l-interrogatorju wiegbu li kienu inghataw *discolsure*. Minkejja dan, l-appellant jghid: "*Mi[ll]-istqarrija tal-esponent jirrizulta evidenti li huwa talab ghal disclosure tar-recordings ta' Melvin Theuma u materjal iehor ghal iktar minn tlett darbiet (fosthom, ara KZ4 pag.36, KZ5 pag. 7 u 25). Talab ukoll ghal disclosure tal-mobile phone tieghu stess. Dwar dan l-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-pulizija ma setghetx taghti disclosure tieghu peress li kien ghadu f'idejn l-esperti. <u>Din kienet gidba sfaccata</u>. Jirrizulta li dakinhar li kien qed jigi interrogat l-esponent u jitlob ghal access ghal mobile tieghu, l-Pulizija kellha access shih ghall-estrazzjoi ta' dan id-device. Fix-xiehda tieghu nhar id-19 ta' Dicembru, 2019 is-Supretendent Keith Arnaud, b'referenza ghall-20-25 ta' Novembru, 2019 jghid testwalment: Yorgen semma illi kien hemm exchange ta' SMSs, <u>**kellna l-content tal-phone u bdejna nfittxu fil-phone ha naraw insibux dawn l-iscreen shots. Issa fil-phone kien hemm mija u erbghin elf (140,000) plus ta' ritratti**</u> (Enfasi u sottolinear mizjud tal-esponent).;*

30. Fil-ligi penali taghna, d-dritt ta' informazzjoni jew kif maghruf mis-sors tal-ligi minn fejn huma mehuda dawn id-disposizzjonijiet bhala *right of disclosure,* mal-arrest ta' persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat jiskatta l-obbligu tal-Pulizija li tinformaha bir-raguni tal-arrest kif kontemplat fl-artikolu 534AB tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dejjem taht l-istess Titolu VI, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali

(Fuq id-Drittijiet tal-Peruni Suspettati u l-Akkuzati) l-artikolu 534AF, b'mod aktar dettaljat jipprovdi ghad-dritt ta' access ghall-materjal tal-kaz. Dan id-dritt huwa intiz, fi kliem l-istess ligi, "sabiex issir rikuza effettiva tal-legalita' tal-arrest jew tad-detenzjoni";

31. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghall-Iskeda E tal-Kapitolu 9 li tirreferi ghall-Ittra Bi Drittijiet li ghandha tinghata lill-arrestat jew detentut. B'mod partikolari u allura aktar relevanti ghall-aggravju hawn skrutinat, il-parti intestata E – ACCESS GHAD-DOKUMENTI: "Metam tigi arrestat u detenut, inti ghandek, jew l-avukat tieghek ghandu, d-dritt ta' access ghal dokumenti essenzjali necessarji ghall-kontestazzjoni tal-arrest jew d-detenzjoni. Jekk il-kaz tieghek jitressaq il-qorti inti ghandek, jew l-avukat tieghek ghandu, id-dritt ta' access ghall-provi materjali favur jew kontra tieghek". Il-Qorti Kriminali gia senjalat li fil-kors tal-kumpilazzjoni id-Difiza kienet provduta l-informazzjoni materjali fil-pussess tal-pulizija in adempiment ta' dan id-dover;

32. Issa, kif tajjeb osservat l-Avukat Generali fir-risposta taghha ghal din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti, n-nuqqas ta' *disclosure,* jew f'dan il-kaz *disclosure* inkompleta, ma ggibx maghha n-nullita' tal-istqarrija. L-ewwel Qorti qablet ma' din il-fehma ghaliex la darba ma hemmx disposizzjoni *ad hoc* fil-ligi penali li tirrendi stqarrija bhala wahda mhux mehuda skond il-ligi f'kaz ta' nuqqas ta' *disclosure* komplet, allura l-istqarrija ma tistax titwarrab fuq dik ir-raguni;

33. Minkejja dan, l-akkuzat li jallega nuqqas tal-ghoti ta' materal tal-kaz ghandu rimedji quddiem *fora* differenti apparti l-fatt illi japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet maghmula

kwantu l-aggravju dwar il-11-il eccezzjoni preliminari jigifieri li xejn ma josta lill-akkuzzat milli jressaq provi, fil-varji forom taghhom, biex juri dak li jrid juri dwar kif rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu. Mhux eskluz ukoll li xi drabi ma tkunx tista' tinghata l-informazzjoni kollha fil-pussess tal-Pulizija peress li din tista' ma tkunx fl-interess pubbliku jew tkun ta' pregudizzju ghal terzi jew l-investigazzjoni izda dan kollu jista' biss ikun accertat fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri. Fis-sistema penali Ingliz, fejn dan id-dritt huwa bil-wisq aktar evolut:

> **"Part 22 of the *Criminal Procedure Rules* 2013 (S.I..20123 No. 1554) reproduces provision originally contained in the *Criminal Procedure (Amendment) Rules* 2009 (S.I. 2009 No 2087), which imposed new procedural requirements on the prosecution, including informing the court of compliance with the initial duty to disclose (r.22.2), providing the court with a written description of material which the prosecutor think it would not be in the public interest to disclose (r.22.3(3)), and serving an application for a public interest ruling upon anyone whom the prosecutor thinks would be directly affected by disclosure ..." –** Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2014 – 12-78.

34. In konkluzzjoni dwar dan l-aggravju, opportunament jerga' jinghad illi l-ilment tal-akkuzat ma jistax iwassal ghall-inammissibilia' tal-istqarrija tieghu bhala prova u li kull allegazzjoni dwar it-tehid taghha hi mhollija ghall-kunsiderazzjoni tal-imhallfin tal-fatti waqt ic-celebrazzjoni tal-guri. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Aggravju numru hamsa.**

35. Dan l-aggravju jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar l-eccezzjoni numru 30 u dan kif dikjarat *expressis verbis* mill-akkuzat. Qed ikun senjalat hekk ghaliex meta l-akkuzat jibda t-trattazzjoni tieghu fuq dan l-aggravju jghid hekk: "*Illi l-aggravju tal-esponent huwa limitat ghad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fir-rigward ta' eccezzjoni numru 16.*". Il-korp tal-aggravju imbaghad isegwi f'din id-direzzjoni ossia jitratta dwar l-eccezzjonjiet numru 16 u 30.

> 30. L-inammissibilita' tax-xhieda indikati mill-Avukat Generali li xehdu quddiem il-Magistrat Inkwirenti izda ma xehdux fl-istruttorja u cioe': [issegwi lista ta' wiehed u ghoxrin (21) isem] in kwantu l-eccipjent ma nghatax l-opportunita', tramite d-difensuri tieghu, jaghmel l-kontro-ezamijiet taghhom.
>
> 16. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet numerati 2 u 4 l-inammissibilita' tax-xiehda ta' Keith Schembri, Shianne Zammit, u Kenneth Camilleri stante li ma giex permess lill-eccipjenti jaghmel, tramite d-difensuri tieghu, il-kontro-ezamijiet taghhom peress illi l-ezami gie sospiz;

36. Permezz ta' nota tieghu tas-7 ta' Marzu, 2022, l-akkuzat irtira din l-eccezzjoni fil-konfront tax-xhieda Keith Cutajar u Dr. Martin Bajada. L-appellant iqis illi l-eccezzjonijiet numru 16 u 30 huma simili ghall-xulxin u fil-fatt jirrizulta li l-motiv taghhom huwa wiehed, jigifieri li x-xhieda indikati mill-Avukat Generali u msemmija fiz-zewg eccezzjonijiet ma kinux kontro-ezaminati mill-akkuzat. Tant hu hekk illi anke l-ewwel Qorti, fit-trattazzjoni tal-eccezzjoni numru 30 tistqarr illi din hija simili ghal dik bin-numru 16 u ghamlet referenza ghall-istess konsiderazzjoni . Tajjeb

għalhekk li qabel kull konsiderazzjoni oħra jkun mistħarreġ x'qalet il-Qorti Kriminali kwantu dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet anke jekk l-ewwel Qorti rriferiet in segwitu għal kunsiderazzjonijiet tagħha kwantu l-eċċezzjoni numru 14 li dwarha l-akkużat ma interponiex appell:

**<u>L-eċċezzjoni numru 16</u>**

**Illi din l-eċċezzjoni hija simili għal dik bin-numru 14 fejn l-akkużat ukoll jitlob lil Qorti tiddikjara il-prova magħmula fl-istruttorja bix-xiehda ta' Keith Schembri, Shianne Zammit, u Kenneth Camilleri bħala waħda inammissibbli stante li ma kienx lilu permess, matul il-kumpilazzjoni, li jagħmel il-kontro-eżamijiet tagħhom peress illi l-eżami ġie sospiż mill-Prosekuzzjoni. Illi l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet minnha magħmula b'rabta mal-ewwel ħames eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat irrilevat illi fir-rigward tal-kontro-eżami tax-xhud in eżami Keith Schembri, dan ma setax jitkompla għaliex id-deposizzjoni tax-xhud in eżami kienet sospiża mill-Prosekuzzjoni billi kienu għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet mill-Pulizija dwar il-fatti li riedu jiġu stabbiliti bix-xhieda tiegħu, u fi kwalunkwe każ, f'dak l-istadju, ix-xhud kellu d-dritt li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu. Fir-rigward tal-kontro-eżami tax-xiehda ta' Shianne Zammit u Kenneth Camilleri, liema kontro-eżamijiet fil-fatt jirriżultaw illi saru, l-imsemmija xhieda eżerċitaw il-jedd tagħhom għas-silenzju, u allura li ma jweġbux għad-domandi in kontro-eżami, sabiex ma jinkriminawx rwieħhom, fil-każ tal-ewwel xhud billi kien hemm istitwiti fil-konfront tagħha proceduri penali, u fil-każ tat-tieni xhud billi dan kien għadu qed jiġi investigat mill-pulizija. Illi jerġa jiġi ribadit illi bil-fatt illi ma jkunx sar il-kontro-eżami ta' xi xhud quddiem il-Qorti Istruttorja ma jirrendix tali evidenza bħala waħda inammissibbli u dan għaliex dawn ix-xhieda kollha ser jiddeponu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri bl-akkużat ikollu kull opportunita; li jagħmel il-kontro-eżami ta'l-istess. Tali eżerċizzju ta' kontroll ma jistax ikun lilu**

**mcahhad f'dak l-istadju, u fl-eventwalita' illi lil tali xhieda ma jkunx jista' isirilhom il-kontro-eami mid-difiza, l-Imhallef togat ghandu jaghti direzzjoni lill gurati li ma joqghdux fuq id-deposizzjoni ta' xi xhud li d-difiza jkun lilha gie prekluz milli tezercita kontroll fuqu, hlief ghal dawk ic-cirkostanzi ravvizati fil-ligi u precizament fl-artikolu 646 tal-kodici Kriminali. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tkun michuda ukoll.**"

37. Kwantu ghall-eccezzjoni numru 30, l-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet simili ghal dak appena riprodott anke jekk uhud mix-xhieda f'din l-eccezzjoni huma xhieda esperti nominati mill-Inkwirenti jew Istruttur.

38. Il-lanjanza tal-appellant hija fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn taghmel differenza bejn ix-xiehda msemmijin fl-eccezzjoni numru 16 u dawk imsemmijin fl-eccezzjoni numru 30. Frankament din il-Qorti mhix qed tirriskontra xi trattament differenti bejn ix-xhieda msemmija fl-eccezzjoni numru 16 u dik numru 30. L-Qorti Kriminali kienet cara fiz-zewg eccezzjonijiet meta kkonkludiet dwar id-doveri tal-Imhallef togat li ghandu jfisser lill-gurati d-dover taghhom fl-eventwalita' li ma jkunx jista' jsirilhom il-kontro-ezami . Mhux biss, izda l-Qorti Kriminali kkonkludiet il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-eccezzjoni numru 30 billi ccitat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et** (App Sup 07.07.2015) u dan ghandu jkun rassikuranti bizzejjed lill-akkuzat li ma hemm ebda allegat trattament differenti bejn ix-xhieda msemmija fiz-zewg eccezzjonijet;

39. Illi tajjeb li jkun osservat ukoll illi dak li ta lok ghac-cirkostanza fejn ma sarx il-kontro-ezami mill-akkuzat mkien

ma jirrizulta li gara bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali hu marbut bit-terminu li fih ghandu jipprezenta l-Att ta' Akkuza fis-sens illi ma ghandux jeccedi t-termini mposti. Issa jekk dak it-terminu jkun ser jiskadi jew jekk fid-diskrezzjoni tieghu jipprezenta l-Att ta' Akkuza qabel dak it-terminu u ma jkunx lahaq sar il-kontro-ezami ta' xhud jew xhieda ma jfissirx li id-deposizzjoni tax-xhud tkun inammissibbli ghaliex dwar dan tahseb il-ligi kif tajjeb spjegat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata . Ghalhekk hija korretta il-posizzjoni kif esposta mill-ewwel Qorti u konsegwentement dan l-aggravju li jirreferi ghall-eccezzjonijiet numru 16 u dik numru 30 hija michud.

**Aggravju numru sitta.**

40. Dan l-aggravju jattakka s-sentenza tal-Qorti Kriminali li biha cahdet l-eccezzjoni numru 22 sa 26 li kienu s-segwenti:

Eccezzjoni numru 22;
L-inammissibilita' ta' Dok IA9/2020 in kwantu hija manifestament nieqsa l-kontinwita' fil-katina ta' l-evidenza li tirrendi valida l-prova;

Eccezzjoni numru 23:

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-inammissibilita' ta' Dok IA9/2020 in kwantu n-nuqqasijiet konsiderevoli u inkonsistenzi gravi fil-process ta' kif saru l-estrazzjonijiet misjuba f'Dok IA9/2020 b'mod li l-integrita' taghhom hija rrimedjabilment kompromessa;

Eccezzjoni numru 24:

Illi inoltre l-inammissibilita' ta' kull prova emanenti mill-prova msemmija fiz-zewg eccezzjonijiet precedenti;

Eccezzjoni numru 25:

L-inammissibilita' tal-mobile phone ta' l-eccipjent u tal-kontenut minnu estratt (ipprezentat minn Giuseppe Totaro gewwa evidence bag M24128685 u mmarkat bl-exhibit number M00575241 u l-estrazzjoni tieghu misjuba f'Dok XYZ 1 u XYZ 2 ipprezentata konguntivament minn Kostantinos Petrou, Israel Gordillo Torres u Giuseppe Totaro) in kwantu hija manifestament nieqsa l-kontinwita' fil-katina ta' l-evidenza li tirrendi valida l-prova;

Eccezjoni numru 26:

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti l-inammissibilita' tal-mobile phone ta' l-eccipjent u tal-kontenut minnu estratt (ipprezentat minn Giuseppe Totaro geww evidence bag M24128685 u mmarkat bl-exhibit number M00575241 u l-estrazzjoni tieghu misjuba f'Dok XYZ 1 u XYZ 2 ipprezentat konguntivament minn Kostantinos Petrou, Israel Gordillo Torres u Giuseppe Totaro) in kwantu gie uzat u alterat minghajr awtorizazzjoni minn loulia Thoma li gie mghoddi lilha wkoll minghajr awtorizazzjoni b'mod li l-integrita' taghhom gew irremedjabilment kompromessi.

41. F'dan l-aggravju l-appellant ma jressaq ebda argument legali ghaliex ma jaqbilx mas-sentenza tal-ewwel Qorti izda jistrieh fuq ragunijiet li jistghu jingiebu biss quddiem il-gurati waqt ic-celebrazzjoni tal-guri. Il-Qorti Kriminali kienet cara, bhalma huma s-sentenzi ta' din il-Qorti fejn si tratta tad-distinzjoni bejn dak li hu ammissibbli bhala prova u dak li jista' jew ma jistax ikollu valur probatorju fejn f'din l-ahhar cirkostanza huma l-imhallfin tal-fatti li ghandhom s-setgha esklussiva li jiddeciedu dwarha. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra aktar minn hekk ghaliex wara kollox l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti Kriminali kellha tkun bizzejjed sabiex tikkonvinci lill-akkuzat mill-inecippibilita' taghha stante li tirrifletti perfettament il-*quid juris* tal-ammissibbilita' tal-prova *versus* l-attendibilita' taghha;

42. L-ewwel Qorti, anke jekk ma kinitx dovuta taghmel dan, traccat l-*iter* kollu tal-mod kif il-provi lamentati sabu ruhhom fl-atti kumpilatori u min kien responsabbli ghall-kustodja taghha waqt li kienu f'idejn l-esperti mahtura u l-persuni msemmija mill-akkuzat. Korrettament, l-Qorti Kriminali wissiet illi minn hemm 'l quddiem huma l-gurati li ghandhom jiddeciedu kemm tiswa jew le dik il-prova wara li jkunu debitament ndirizzati mill-Imhallef. Issa, ghalkemm kull kaz jehtieg li jkun deciz fuq il-fatti speci tieghu, il-principji dwar l-ammissibilita' tal-prova huma l-istess ghal kull kaz. Huma l-fatti li jvarjaw u li jkunu jehtiegu investigazzjoni dwarhom u kif tajjeb tosserva l-Avukat Generali fir-risposta taghha: "*Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari din l-Onorabbli Qorti tista' 'tinvestiga' biss l-ammissibilita' tal-prova... [fejn] prova hija meqjusa bhala inammissibbli biss jekk tkun tezisti xi*

*disposizzjoni legali (jew insenjament gurisprudenzjali) li tirrendiha bhala tali*".

43. Din il-Qorti tqis li ezempji huma dejjem odjuzi, izda, u sabiex b'mod simplistiku tesponi d-differenza bejn ammissibilita' u s-siwi tal-prova, jekk fl-istruttorja l-Qorti tinkariga persuna bhala espert f'materja minghajr ma dik il-persuna ghandha xi kwalifika u esperjenza fiha ma jfissirx li ir-rizultanti konkluzjoni hija wahda inammissibbli. Sta imbaghad ghall-guri jiddeciedi jekk dik il-prova tiswiex b'mod li biha jista' jasal ghall-verdett tieghu. Il-Qorti Kriminali ma rriskontrat ebda ostakolu kwantu l-provi lamentati f'danl-aggravju u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex kellu jkun deciz mod iehor. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-seba' aggravju:**

Eccezzjoni numru 29:

Rigward 13-il xhud inkdikati mill-Avukat Generali fil-Lista ta' xhieda mal-Att tal-Akkuza:

44. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat jilmenta mill-fatt illi l-persuni hekk indikati bhala xhieda ma ddeponewx la fil-kors tal-inkjesta fl-*in genere* u lanqas fil-kors ta' kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja kif ukoll li l-Avukat Generali ma indikax l-ghan ta' dawn ix-xieda u ghalhekk m'huwiex f'qaghda jghid jekk dawn humhiex ammissibbli u/jew relevanti ghall-kawza kontra tieghu. Gara, izda, illi fil-mori, permezz ta' nota bid-data tas-7 ta' Marzu, 2022, l-akkuzat irtira l-eccezzjoni **limitatament** kwantu uhud mix-xhieda u zamm

ferm l-eccezzjoni tieghu kwantu din tirreferi ghax-xhieda Ioannis Chatziantoniou, PC 844 Karl Micallef, PC 910 Sean Pace, l-Ispettur Timothy Zammit u Marinus Van der Meij;

45. L-ewwel Qorti, wara li qieset li dawn ix-xhieda huma kollha xhieda esperti debitament nominati fl-*in genere*, cahdet l-eccezzjoni izda fl-istess waqt ordnat li l-atti kumpilatorji jkunu rinvjati lura lill-Qorti Istruttorja sabiex din tisma' lil PC910 Sean Pace, PC 844 Karl Micallef, Spettur Timothy Zammit, Ioannis Chatziantoniou u Gordon Cutajar. Issa, fl-aggravju tieghu l-akkuzat ddikjara li hu sodisfatt b'din is-soluzzjoni, izda jallega li l-ewwel Qorti aktarx bi zvista ma indikatx lix-xhud Martin van der Meij bhala wiehed mix-xhieda li dwaru l-Qorti Istruttorja kellha tisma'. L-ezercizzju li din il-Qorti issa trid taghmel hu dak li bih trid tara jekk isem dan ix-xhud kienx estromess bi zvista mill-lista tal-ewwel Qorti jew le;

46. Kwantu l-eskluzzjoni ta' isem dan ix-xhud kif inghad *supra*, fl-ewwel lok Martin van der Meij ma jidhirx bhala wiehed mix-xhieda indikati mill-Avukat Generali. Dan hu apparentament dovut ghal zvista da parti tal-akkuzat fl-appell tieghu ghaliex isem ix-xhud huwa Marinus van der Meij. L-ewwel Qorti traccat l-origini ta' dawn ix-xhieda, wiehed wiehed, fl-atti processwali senjatament fl-atti tal-*in genere* meta kienu mahtura mill-Magistrat Inkwirenti b'dan illi meta inghalqet l-Inkjesta ma lahqux pprezentaw ir-relazzjoni taghhom u anqas waqt l-Istruttorja meta allura ma kinux jiffurmaw parti mill-atti kumpilatorji wara l-hrug tal-Att tal-Akkuza. Il-Qorti Kriminali kkonkludiet illi: "***Illi fir-rigward tal-espert Martin***

***Van Der Meij, dan kien mahtur mill-Inkwirenti fl-01 ta' Marzu, 2018 'sabiex jezamina il-cloned mobile phone tal-vittma, u johrog data rilevanti ghall-investigazzjoni.' Illi dan jirreferi ghal kopja li saret tac-cellulari distrutt tal-vittma mill-espert Dr. Martin Bajada, liema prova madanakollu ma kenitx imressqa finalment quddiem il-Qorti Istruttorja u b-esperti, sal-mument illi l-inkjesta kienet inghalqet fil-konfront tal-akkuzat, kienu ghadhom ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom. Illi allura lanqas din il-prova ma giet ppreservata fl-atti kumpilatorji***";

47. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni plawsibbli ohra ghajr li dan in-nuqqas hu dovut ghal-*lapsus* u konsegwentement l-akkuzat ghandu ragun b'dan illi x-xhud Martin van der Meij (jew kif ukoll jidher bhala Marinus van der Meij) ghandu jizdied mal-lista' ta' xhieda li l-Qorti Istruttorja ghandha tisma' flimkien max-xhieda l-ohrajn imesmmijin fl-eccezzjoni numru 29 kif deciza.

48. Irid jinghad ukoll illi fil-lista' ta' xhieda indikata mill-Avukat Generali bhala xhud tal-prosekuzzjoni u inizjalment lamentata mill-akkuzat hemm Gordon Cutajar izda meta l-akkuzat irtira l-eccezzjoni limitatament ghall-hames xhieda kif spjegat *supra* Gordon Cutajar mhux imsemmi. L-ewwel Qorti, izda u korrettament akkludiet lil dan ix-xhud flimkien ma' dawk li ghandhom jinstemghu mill-Qorti Istruttorja fir-rinviju ordnat.

**It-tmien aggravju:**

Dwar l-oggezzjoni tal-Avukat Generali ghax-xhud indikat bin-numru 15 fuq il-Lista tax-Xhieda.

49. Fil-list tax-xhieda indikati mill-akkuzat fin-nota tieghu skond l-artikolu 438(1)(ii) tal-Kodici Kriminali l-akkuzat indika bhala xhud: "*Espert mahtur minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrelata dwar l-effetti tat-tehid tas-sustanza kokaina fuq il-mohh*". Bid-dritt moghti fit-termini tas-subinciz (3) tal-istess artikolu, l-Avukat Generali ressqet eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' prova fejn sabet oggezzjoni ghal-numru ta' xhieda kif indikati mill-akkuzat fin-nota tieghu. Il-Qorti Kriminali ghamlet il-konsiderazzjonijiet u prolatat id-decizjoni taghha dwar kull xhud u dokument indikat fl-eccezzjoni u dak li hu marbut ma' dan l-aggravju jirrigwarda biss ix-xhud enumerat hmistax;

50. L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat General billi kkonkludiet :

> "**Illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'din l-oggezzjoni tieghu. L-akkuzat ma jistax jpprogetta il-Lista tax-xhieda tieghu fil-futur u dan ghaliex qabel ma dawn ix-xhieda jistghu jigu inkluzi fil-Lista tieghu l-Qorti trid tawtorizza li tingieb 'il quddiem din il-prova li l-akkuzat qed ifittex illi jaghmel, haga li sa issa ghada ma sehhitx u kwindi din l-eccezzjoni ta'l-Avukat Generali qed tigi milqugha**".

51. L-akkuzat appellant jilmenta minn din id-decizjoni billi jghid "*jaghmel referenza ghal dak rilevat f'aggravju numru*

*erba' fir-rigward ta' eccezzjoni numru 11. Ix-xhud kien u ghadu mehtieg sabiex jigi apprezzat l-effett tad-droga fuq mohh suspettat waqt interrogazzjoni u l-kapacita tal-istess li jifhem u jqis ic-cirkostanzi li jkun jinsab fihom."* L-akkuzat ma jressaq ebda lanjanza ghar-ragunament tal-ewwel Qorti ghajr illi jaghmel referenza ghal dak minnu lamentat fir-raba' aggravju in konnessjoni mal-eccezzjoni numru hdax tieghu li titratta dwar l-istqarrijiet tieghu. Il-Qorti Kriminali laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali b'motivazzjoni differenti minn dik ghall-eccezzjoni numru hdax u dan, kif inghad, minghajr ma jressaq il-kritika tieghu dwarha. Issa, fil-lanjanza tieghu dwar ic-cahda tal-eccezzjoni numru hdax, l-appellant jargumenta favur il-htiega li jressaq xhieda esperta, u allura xhud espert *ex parte* naturalment sabiex jesprimi opinjoni. Il-Qorti, izda, hi marbuta tizvolgi l-iskrutinju taghha fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kienet cara fil-motivazzjoni taghha u kien l-akkuzat Ii naqas li jispejga ghaliex ma jaqbilx maghha u minflok ghamel referenza ghall-argumenti tieghu dwar il-hadx-il eccezzjoni fejn allura huma applikabbli l-konkluzzjonijiet ta' din il-Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Id-disa' aggravju**:

<u>Riferibilment ghall-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar il-produzzjoni tax-xhieda indikati bin-numru20, 27 u 48 fuq il-Lista tax-Xhieda mressqa mill-akkuzat.</u>

52. Illi similment ghall-aggravju precedenti, l-akkuzat jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda. L-akkuzat indika bhala xhieda li xtaq iressaq waqt il-guri lid-

Deputat Avukat Generali, l-Avukat Philip Galea Farrugia sabiex jixhed dwar il-proklama moghtija lil Melvin Theuma u dwar fatti ohra relevanti mal-kaz, lill-Eccellenza Tieghu President tar-Repubblika Dr. George Vella bil-ghan li jixhed dwar din il-prokama u dwar fatti ohra relevanti mal-kaz u finalment lill-ex Avukat Generali, l-Avukat Peter Grech ghall-istess ghan;

53. Illi kif inghad *supra* fil-paragrafu 43, riferibilment fejn il-Qorti Kriminali ezaminat il-htiega ta' kull xhud mitlub mill-akkuzat, u li dwarhom tqajmu eccezzjonijiet mill-Avukat Generali, irid jinghad ukoll illi l-istess Qorti korrettament esponiet id-differenza bejn l-ammissibbilita' ta' xhud jew prova u r-rilevanza taghhom b'mod allura li fejn si tratta ta' rilevanza, il-kwistjoni tithalla f'idejn il-gurati. Il-Qorti Kriminali laqghet l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali dwar dawn it-tlett xhieda bis-segwenti motivazzjoni li qed tkun hawn riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> **Id-Deputat Avukat Generali Dr. Philip Galea Farrugia. Jinghad qabel kull konsiderazzjoni ohra illi l-artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jirrendi insindikabbli s-setghat moghtija lil Avukat Generali fid-decizjonijiet mehuda minnu meta huwa jistitwixxi proceduri penali kontra xi individwu meta hemm hekk dispost:**
>
> **Fl-ezercizzju tas-setghet tieghu biex jistitwixxi, jaghmel u jwaqqaf proceduri kriminali u ta' kull setgha ohra moghtija lilu b'xi ligi f'termini li jawtorizzawh li jeercita dik is-setgha fil-gudizzju individwali tieghu l-Avukat**

**Generali ma jkunx suggett ghad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorita' ohra.**

**Illi fis-sottomissjonijiet taghha id-difiza iddikjarat illi x-xiehda tad-Deputat Avukat Generali hija mitluba in konnessjoni mad-diskuzzjonijiet li saru marbuta mat-talba maghmula mill-akkuzat ghal Proklama. Illi fid-decizjoni taghha l-Qorti qieset illi ma tistax issir il-prova dwar dak kollu marbut mad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzat in konnessjoni mat-talba tieghu ghal mahfra presidenzjali. L-istess jista' jinghad fir-rigward tax-xhieda il-President tar-Repubblika u l-ex Avukat Generali Dr. Peter Grech . Dan ifisser ghalhekk illi tonqos il-htiega ghall-akkuzat milli jressaq dawn ix-xhieda u kwindi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali fir-rigward qed tigi milqugha.**

54. Fl-aggravju tieghu dwar din il-parti tas-sentenza l-akkuzat jissenjala illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset illi huwa ddikjara illi din ix-xiehda kienet mitluba "*in konnessjoni mad-diskussjonijiet li saru marbuta mat-talba maghmula mill-**<u>akkuzat</u>** ghal-Proklama*" (sottolinear u enfasi ta' din il-Qorti). B'din il-lanjanza l-akkuzat qed jitlob ir-revoka ta' din il-parti tas-sentenza kwantu li dawn ix-xhieda kienu mitluba biex jixhdu dwar il-Proklama moghtija lil Melvin Theuma u mhux Prokama mahruga favur tieghu. Frankament il-Qorti thoss li dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh ghaliex ghad illi dan hu *lapsus* min-naha tal-ewwel Qorti xorta wahda jibqa' jiswa r-ragunament tal-ewwel Qorti li bih waslet biex tilqa' l-

eccezzjoni. L-appellant ma ressaq ebda kritika għall-motivazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti u għalhekk kull osservazzjoni oħra da parti ta' din il-Qorti tkun inutili. Dan l-aggravju għalhekk qed ikun miċħud;

**L-għaxar aggravju**:

<u>Rigward l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali għax-xhieda indikati numru 28 u 29 fil-Lista' tax-Xhieda u d-dokumenti ndikati bħala numru 23 fil-List ta' Dokumenti mressqa mill-akkużat:</u>

55. L-akkużat elenka ukoll bħala xhieda prospettivi tiegħu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u l-esperti kollha nominati mill-Qorti u x-xhieda kollha li xehdu fl-inkjesti li dwarhom talab li tkun prezentata kopja mir-Reġistratur. L-inkjesti li għalihom saret it-talba huma s-segwenti: 1) Inkjesta dwar leak ta' informazzjoni mill-ElectroGas Malta kondotta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella; 2) Inkjesta dwar attentat ta' suwiċidju ta' Melvin Theuma; 3) Inkjesta dwar kxif ta' informazzjoni minn uffiċjali pubbliċi b'relazzjoni mal-investigazzjoni tal-omiċidju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia.

56. L-ewwel Qorti iddisponiet hekk dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali (para 7 tas-sentenza, fol 2177 tal-atti):

**Ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali biex jixhed dwar inkjesti maġisterjali li għadhom miftuħa u mhux relatati**

**mal-omicidju mertu tal-kaz. Illi skond il-ligi l-kontenut ta' ebda inkjesta magisterjali li ghadha miftuha ma tista' tkun zvelata u kwindi dan ix-xhud ma jistax jipprovdi ebda informazzjoni fir-rigward ta' dak mitlub mill-akkuzat. Kwindi din l-eccezzjoni qed tkun milqugha. L-istess jista' jinghad ghal dawk l-esperti kollha jew xhieda li xehdu f'dawn l-inkjesti li ghadhom miftuha, wkoll ghaliex l-akkuzat lanqas jindika min huma dawn ix-xhieda....**

57. F'dan l-aggravju l-appellant iressaq l-argument illi filwaqt illi Qorti Kriminali iddisponiet mill-eccezzjoni tal-Avukat Generali kif citat *supra*, "*fl-istess nifs, fir-rigward tax-xiehda ta' Rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija [xhud numru 72 fil-Lista tax-Xhieda], liema xhud huwa mitlub jipprezenta r-repert tal-mobile phone ta' Keith Schembri, il-Qorti Kriminali provdiet mod iehor. Rigwardanti dan ix-xhud, il-Qorti laqat l-eccezzjoni tal-Avukat Generali izda limitatament sal-mument illi din l-inkjesta fir-rigward tkun ghadha miftuha.*". L-akkuzat appellat jallega illi l-Qorti Kriminali b'hekk ghamlet distinzjoni ossia ddecidiet b'mod differenti kwantu dawn iz-zewg xhieda, jigifieri ir-Registratur tal-Qrati u l-Kummissarju tal-Pulizija meta t-talba kienet wahda identika. Talab ghalhekk l-akkuzat li din l-Qorti tilqa' l-aggravju u "*tordna li fl-eventwalita' l-inkjesti fuq imsemmija jinghalqu, ir-Registratur tal-Qrati Kriminali ghandu jigi ammess bhala xhud*";

58. Il-Qorti frankament ma tara xejn fis-sentenza tal-Qorti Kriminali li jista' b'xi mod jitqies li huwa trattament differenti, allura konfliggenti, fir-rigward tax-xhieda eccepiti. Kwantu

ghat-talba tieghu sabiex "*fl-eventwalilta' li l-inkjesti fuq imsemmija jinghalqu, ir-Registratur tal-Qrati Kriminali ghandu jigi ammess bhala xhud,*" din il-Qorti tqis illi l-akkuzat ghandu rimedji procedurali fil-forma ta' talbiet li jista' jaghmel qabel ic-celebrazzjoni tal-guri f'kaz illi l-inkjesti msemmija ikunu inghalqu qabel dik id-data kif gia suggerit mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qieghda b'daqshekk taqbel jew le mad-direzzjoni tal-ewwel Qorti li "*jekk dawn ikunu gew maghluqa il-Magistrat Inkwirenti l-akkuzat ghandu jaghmel talba appozita sabiex jitlob il-permess tal-Qorti biex dawn jigu annessi mal-Lista tad-Dokumenti tieghu*". Wara kollox l-ilment tal-appellant m'huwiex kontra din id-direzzjoni izda ghaliex dan "*il-provvediment tal-Qorti Kriminali huwa ineffettiv. Persuna akkuzata ma ghandha ebda mezz fil-Ligi sabiex tkun notifikata bl-ezitu ta' inkjesta magisterjali jew tigi mgharrfa bl-gheluq taghha. Mhux l-istess jinghad ghall-Avukat Generali, li fit-termini tal-Artikolu 569 u 550A[1][4] tal-Kodici Kriminali huwa kompetenti jigi mgharraf b'din l-informazzjoni ezatt*". Il-qofol ta' dan l-aggravju huwa evidenti fit-talba finali maghmula mill-akkuzat: "*billi tordna li ghandu jkun l-Avukat Generali li jinforma l-Qorti bl-gheluq tal-inkjesti…*". Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din it-talba ghaliex tmur djametrikament oppost ghall-provvedimenti tal-Kodici Kriminali. L-akkuzat ghandu jfittex fil-provvedimenti tal-ligi sabiex isib l-ahjar mod kif jista' iressaq it-talba tieghu qabel ic-celebrazzjoni tal-guri u din il-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra aktar minn hekk f'dan ir-rigward. Tajjeb li jkun osservat in rigward illi fis-sottomissjonijiet verbali dwar dan l-aggravju, l-Avukat rapprezentanti l-Avukat Generali ddikjara li lest li jipprezenta nota biex jekk ikun il-kaz u fil-waqt xieraq jiddikjara jekk dawn

l-inkjesti jkunux inghalqu . Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**APPELL TAL-AVUKAT GENERALI**

59. L-Avukat Generali ressqet appell bil-gravam wahdieni dwar l-eccezzjoni numru 13 mressqa mill-akkuzat u dan bil-lanjanza li l-ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta ordnat l-isfilz tad-dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 kif ukoll li ebda referenza ma ghandha ssir ghal dawn id-dokumenti. L-Avukat Generali tikkwalifika din il-lanjanza bil-mod segwenti li qieghda tkun riprodotta ghal intendiment ahjar:

> "Illi a skans ta' kull ekwivoku jigi minn issa ddikjarat li dan l-appell huwa limitat u cirkostritt ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni bin-numru 13 ta' l-appellat u ordnat l-isfilz tad-Dokumenti KA28, KA31, KA33 u KA34 mill-atti kumpilatorji, u rritjeniet illi dawn id-dokumenti ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati matul ic-celebrazzjoni tal-guri, u ebda xhud ma ghandu jaghmel referenza ghall-istess dikjarazzjonijiet, b'dana illi r-rikorrenti appellanti m'hijiex qeghdha tinterponi appell mill-partijiet l-ohrajn tas-sentenza appellata."

60. Il-Qorti Kriminali kkunsidrat l-eccezzjonijiet tal-akkuzat numru 11, 12 u 13 flimkien ghaliex "*dawn it-tlett eccezzjonijiet jitrattaw l-inammissibilita' ta' kull stqarrija rilaxxjati mill-akkuzat waqt l-investigazzjonijiet u dan wara l-arrest tieghu*". Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-akkuzat irrilaxxa "*zewg tipi ta' stqarrijiet, u cioe' dawk l-istqarrijiet li*

*ttiehdu ghal fini tal-investigazzjoni li kienet ghaddejja fejn huwa kien qed ikun investigat dwar l-involviment tieghu fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, kif ukoll dawk l-istqarrijiet li ttiehdu fuq xewqa tal-akkuzat stess, wara l-arrest tieghu,meta huwa ressaq talba ghal mahfra presidenzjali u ghalhekk bl-intendiment illi huwa kellu jipprovdi informazzjoni lil pulizija li setghet twassal ghal prosekuzzjoni ta' persuni ohra mhux biss in konnessjoni mal-qtil in dizamina izda ukoll ghal prosekuzzjoni fuq reati ohra".*

61. Illi kif gia osservat fl-aggravji *supra*, l-akkuzat ecepixxa l-inamissibilita ta' dawn l-istqarrijiet sia fuq il-premessa li f'dak il-hin kien taht l-effett tad-droga kif ukoll li ma kienx inghata *full disclosure* tal-materjal li l-Pulizija kellha f'idejha meta ttiehdu l-istqarrijiet. Dak huwa l-mertu tal-eccezzjonijiet numru 11 u 12 michuda mill-ewwel Qorti, appellati mill-akkuzat u bl-aggravju michud minn din il-Qorti *supra*. L-eccezzjoni numru 13, izda, titratta dwar dokumenti u dikjarazzjonijiet ohra indipendenti mill-istqarrija appena msemmija b'eccezzjoni ukoll differenti. L-eccezzjoni in disamina hija s-segwenti:

**L-inammissibilita' tad-dikjarazzjonijiet ta' l-eccipjent moghtija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-21, fl-24, fil-25 u fis-27 ta' Novembru, 2019 (esebiti u mmarkati bhala Dok KA28, KA31, KA33 u KA34 rispettivament) minhabba li ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dikjarazzjonijiet volontarji, li dawn id-dikjarazjonijiet ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali u li dawn id-dikjarazzjonijiet gew mehuda u/jew prezentati b'qerq.**

62. Il-Qorti Kriminali dehirlha li d-dikjarazzjonijiet in kwistjoni ttiehdu kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 534AB tal-Kapitolu 9 filwaqt illi l-akkuzat kien gia meqjus bhala suspettat fit-termini tal-artikoli 534A tal-istess Kapitolu. "*…dawn id-dikjarazzjonijiet kienu rilaxxati minghajr id-debita twissija skont il-ligi, u dan sar appozitament ghaliex dawn qatt ma kienu ntizi li jingiebu bi prova kontra l-akkuzat, allura suspettat, fil-qorti. Dan ifisser illi galdarba dawn id-dikjarazzjonijiet li jistghu jkunu awto-inkriminatorji, rilaxxati mill-akkuzat fil-mument li huwa kien diga' meqjus bhala persuna suspettata implikata fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizija, ma ttiehdux bis-salvagwardji kollha li taghti il-ligi lil persuna suspettata b'reat kriminali, kwindi dawn jitilfu il-valur probatorju taghhom u huma inammissibbli bhala prova billi legalment ivvizjati*". Issa, il-pern tal-aggravju tal-Avukat Generali hu li "*Illi dawn l-erbgha (4) dokumenti jikkonsistu fi prime note tas-Supretendent Keith Arnaud, ikkonfermati minnu bil-gurament fil-mori ta' l-Istruttorja, liema noti jirriflettu dak mistqarr mill-akkuzat appellat Yorgen Fenech lill-Pulizija, meta huwa -**volontarjament u debitament assistit mil-legali tieghu**- ghazel li jivvolontarja nformazzjoni lil-Pulizija u dan ghal fini tal-'Proklama', ossia mahfra Presidenzjali*";

63. L-akkuzat appellat jilqa' ghal dan il-gravam b'eccezzjoni ta' natura procedurali u ohra fil-mertu billi jallega li r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali mhux konformi mar-rekwizti tal-artikolu 505(1) tal-Kodici Kriminali in kwantu huwa karenti minn esposizzjoni tal-fatti fil-qosor;

64. L-Artikolu 505(1) tal-Kodici Kriminali li jirregola l-kontenut tar-rikors tal-appell irid illi *"Barra mill-*

*indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ir-rikors ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni tal-appell u t-talba tal-appellant"*. L-appellat hu tal-fehma illi "*Referenza ghall-fatti li jsawwru l-mertu tal-kaz, il-parti tas-sentenza appellata, jew l-aggravju sollevat fir-rikors huma kompletament nieqsa.*" Bid-dovut rigward, r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jindika l-parti tas-sentenza appellata kif ukoll l-aggravju u dawn gia huma citati *supra* u ghalhekk ma hemmx lok ghall-aktar konsiderazzjonijiet in rigward. Dak li jifdal li jkun diskuss hija l-kwistjoni dwar il-fatti u in kwantu hekk l-appellat jaghmel referenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Terence Vella** App 57/2006 tad-29 ta' Marzu, 2006 u **Il-Pulizija vs Massimo Caruso** App 6/2016 tas-26 ta' Mejju, 2016;

65. Tajjeb li jinghad qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi l-Artikolu in disamina fis-subinciz (2) tieghu jipprovdi li r-rikors irid ikun iffirmat minn Avukat jew mill-appellant stess **<u>fuq piena ta' nullita'</u>**. Din is-sanzjoni mhix applikabbli kwantu ir-rekwizit tal-fatti. Tant hu hekk illi fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali fejn precedenti l-Att I tal-2018 n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-fatti kien igib mieghu n-nullita' tar-rikors tal-appell, l-istess Att hassar din is-sanzjoni (minkejja li xorta wahda ghadha mehtiega tali dikjarazzjoni). L-appellat josserva illi f'appell quddiem din il-Qorti (Sede Inferjuri) l-appellant kien ordnat jaghmel korrezzjoni fir-rikors tal-appell tieghu fis-sens li jinkludi l-fatti fil-qosor. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-preokupazzjoni mlissna mill-akkuzat ghaliex dak li qed jitlob huwa biss l-effett residwu ta' zmien twil ta' formalizmu zejjed. Meta taht l-intestatura IL-FATTI fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali hemm riprodotta il-parti

akkuzatorja tal-ewwel u t-tieni kap tal-Att ta' Akkuza, hemm bizzejjed fatti li jissodisfaw dik il-parti tal-Artikolu 505. Jekk l-appellat qed jistenna li l-Avukat Generali tirriproduci l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuza jew l-istess dettalji taghha, allura huwa zbaljat ghaliex dak li trid il-ligi hu deskrizzjoni tal-fatti fil-qosor, intiz, skond il-gurisprudenza, sabiex il-Qorti ma toqghod tfittex u tgharbel hi qalb il-varji pagni tal-atti processwali biex minnhom testrapola l-fatti tal-kaz. Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-appelat hija respinta;

66. Illi fil-mertu, l-appell tal-Avukat Generali essenzjalment huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eccezzjoni tal-appellat li biha oggezzjona ghall-prezentata tad-dokumenti hemm imsemmija konsistenti f'notamenti tal-ufficjal investigattiv is-Supretendent Keith Arnaud dwar dak kollu li qal Yorgen Fenech meta talab ghall-mahfra Presidenzjali. L-Avukat Generali jillanja li wara li l-Qorti Istruttorja kienet laqghet it-talba tal-akkuzat, dak inhar imputat, sabiex dikjarazzjonijiet ta' Melvin Theuma li saru ghall-otteniment tal-mahfra Presidenzjali tieghu jkunu prezentati, l-ewwel Qorti kellha similment tammetti id-dokumenti lamentati li ukoll huma tal-istess natura bid-differenza li dawn huma notamenti tas-Supretendent filwaqt illi dawk ta' Melvin Theuma huma stqarrijiet mehuda b'mezzi audio-vizzivi;

67. L-Avukat Generali ma ressqet ebda argument ta' natura legali dwar l-aggravju taghha li frankament jirrazzenta l-fierah ghaliex ir-risposta ghall-dan l-aggravju tinsab fl-aggravju nnifsu. L-Avukat Generali tispjega kif Melvin Theuma kien ta l-kunsens tieghu sabiex dak kollu li kien ser

jghid kien ser ikun registrat u f'kaz li ma jinghatax il-mahfra ghar-ragunijiet li dak li jizvela ma kienx korroborat, l-istqarrija tieghu tingieb bi prova kontra tieghu f'kaz li jinbdew proceduri fil-konfront tieghu. Fil-kaz tal-appellat Yorgen Fenech, izda, l-istess Avukat Generali tistqarr illi fl-ewwel lok ma qabilx li jkun registrat waqt l-ghoti tal-informazzjoni taht l-istess kundizzjonijiet bid-differenza illi l-mahfra ma inghatatx u spicca mixli. L-Avukat Generali tinsisti illi **"Huwa u jirilaxxja dawn l-istqarrijiet, Yorgen Fenech kien il-hin kollu assistit mill-legali tieghu"**. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukat Generali interponiet dan l-appell meta fi kliemha stess tghid: "*L-istess bhal fil-kaz ta' Melvin Theuma, l-intendiment bejn il-Pulizija u Yorgen Fenech kien illi dan mistqarr minn Fenech kellu jintuza biss ghall-fini tat-talba ghall-mahfra Presidenzjali, u ma jintuzax fi proceduri penali kemm il-darba t-talba tieghu ghall-mahfra tigi rifjutata mill-E.T. l-President*";

68. Il-Qorti b'hekk tonqos milli tifhem r-ragunament tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward aktar u aktar meta l-ewwel Qorti bi precizjoni ezaminat id-dokumenti in kwistjoni mill-ottika tal-artikolu 534AB tal-Kodici Kriminali u waslet sabiex tilqa' l-eccezzjoni numru 13 mhux fuq il-premessa li l-appellat ma kienx fi stat tajjeb minhabba konsum ta' droga izda ghaliex dawk l-istqarrijiet ma ttiehdux in konformita ma' dak dispost fl-artikolu appena msemmi. Din hija cirkostanza li sservi ta' ezemplari perfetta fejn stqarrija tittiehed minghajr l-osservanza ta' dak impost mil-ligi bil-konsegwenza li taghmilha inammissibbli. Ghalhekk, l-aggravju tal-Avukat Generali qed ikun michud.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi:**

**Kwantu ghall-appell interpost mill-akkuzat Yorgen Fenech,**

1. **Tichad l-aggravji kollha tieghu ghajr ghall-aggravju li jinsab fis-sitt (6) paragrafu tat-talbiet tieghu;**

2. **Tilqa' l-aggravju li jinsab fis-sitt (6) paragrafu tat-talbiet tieghu u stante dak osservat minn din il-Qorti fil-paragrafu numru tmienja u erbghin (48) tordna li isem ix-xhud Martin/Marinus van der Meij jizdied mal-lista' ta' xhieda li ghandhom jinstemghu mill-Qorti Istruttorja skond l-ordni tal-Qorti Kriminali kif postulata fid-decide taghha bin-numru tnejn (2);**

**Kwantu ghall-appell interpost mill-Avukat Generali, tichad l-istess.**

**Tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti Kriminali sabiex tissokta bil-procediment tal-kawza.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph R Micallef**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**